Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 129/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Margaret Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta’ Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm62,87) rapprezentanti kont ta’ servizz telefoniku bin-numru 21639342 installat fil-fond 29 Triq La Sengle, Marsascala kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A u B u dana stante li l-konvenuta kienet giet interpellata inutilment;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm62.87) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------